# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu jogħla għad-Dinjità ta' Bażilika Minuri - 13 ta' Mejju 1895

**P. Valentin Borg Gusman, O. Carm**

**Nota mill-editur**

**F'għeluq il-120 sena mill-għoti tat-titlu tal-Bażilika lis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt ħassejna li jkun xieraq li nerġgħu nippublikaw studju li kien għamel il-mibki P. Valentin Borg Gusman, Karmelitan fuq din il-ġrajja tant importanti għas-Santwarju tagħna. Dan l-istudju, mill-iktar interessanti, kien inqara għall-ewwel darba waqt Akkademja Mużiku-Letterarja li saret fis-27 ta' Ġunju 1995, fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fl-okkażjoni tal-ewwel 100 sena mit-twaqqif tas-Santwarju bħala Bażilika minuri.**

**P. Valentin żgur li jibqa' mfakkar għall-istudji li ta' kull sena kien jagħmel relatati mal-istorja tas-Santwarju u l-Kunvent kif ukoll l-ispiritwalità Karmelitana u li ħafna minnhom ġew ippubblikati fi programmi tal-Festa passati. P. Valentin ħadem ħafna biex ikabbar kemm jista' d-devozzjoni Karmelitani u kien jagħmel ħafna xogħol fit-Terz'Ordni Karmelitan.**

**Huwa kien jifforma parti mill-Komunità Karmelitana tal-Belt sa mill-1971 u għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar is-7 ta' Mejju 2006, mibki mid-devoti Karmelitani kollha.**

L-awtur tal-antifona **Flos Carmeli** jitlob lill-Verġni Marija biex tagħti xi privileġġ lill-Karmelitani: Carmelitis da Privilegia. It-talba tiegħu baqgħet tingħad mir-Reliġjużi tal-Għolja tal-Karmelu kullimkien u f'kull żmien. Għalhekk insibuha ukoll fuq fomm il-Karmelu Malti sal-ġurnata ta' llum. Min-naħa tagħha, Marija ma naqsitx li tiftaħ idejha t-tnejn u tilqa' xewqet l-Ordni li jġib isimha. Lill-Maltin, fost prvileġġi oħra, tathom tnejn li baqgħu minquxa b'ittri tad-deheb mhux biss fil-Provinċja Karmelitana imma ukoll fl-istess storja ta' Malta, għax qatt qabel ma kienu ġraw bħalhom fil-gżejjer tagħna. Huma l-inkurunazzjoni solenni tax-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu, b'digriet tal-Kapitlu Vatikan, u l-privileġġ l-ieħor li l-istess Santwarju jiġi ukoll mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika Minuri.

Dan l-artiklu ser jiffoka fuq dan it-tieni privileġġ, li ngħata 120 sena ilu.

**Bażilika, kwalitajiet meħtieġa**

Il-Malti jgħid li l-mistoqsija hija oħt il-għerf. Għalhekk ma jagħmilx ħażin min jistaqsi dwar it-tifsir tal-kelma "Bażilika", u x'inhu meħtieġ biex knisja tkun tista' titgħolla għad-dinjità ta' Bażilika.

Bażilika huwa isem ta' nisel Grieg (basilike`) li jfisser dar/palazzo rjali. Għall-ewwel, ir-Rumani kienu jagħtu dan l-isem lil xi swali kbar ta' Palazzo tar-Rejiet. Wara, bdew jużawh ukoll għal xi bini pubbliku li jservi għall-kummerċ jew għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja: Qorti. L-insara imitaw lir-Rumani mhux biss fil-kostruzzjoni u l-arkitettura, imma wkoll fl-isem li huma taw lil dawk il-knejjes tagħhom li kienu jiżbqu oħrajn fil-kobor u l-ġmiel: "*per grandiosità e per magnificenza*".[1] G. Zaccherini jagħżel żewġ xorti ta' bażiliki: ċivili u sagri. Tal-aħħar, is-sagri jaqsamhom f'sotteranji u għall-aperti. Għall-aperti mbagħad jikklassifikahom skont iż-żmien li twaqqfu fih, jekk hix fl-ewwel tliet sekli jew wara, jiġifieri mibnija wara l-paċi Kostantiba. Dawn ta' wara, li hu jsejħilhom "*Basiliche propriamente dette*", xi wħud huma urbani u oħrajn suburbani.[2]

Lilna f'dan l-artiklu jinteressawna l-Bażiliki urbani, u sewwa sew dawk ta' Ruma. Mhux il-ħamsa maġġuri, imsejħin hekk għax akbar minn oħrajn, imma dawk iżgħar fid-daqs, il-minuri, bħalma huma San Clemente, Santa Croce in Gerusalemme u oħrajn,[3] li mhux biss għandhom it-titlu ta' Bażilika, imma wkoll l-istatus tagħha, jiġifieri mogħnija bil-privileġġi, indulti u drittijiet li jagħtuhom tabilħaqq id-dinjità ta' Bażilika minuri. Hekk, bħal dawn, is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika.

Naraw issa x'inhi meħtieġ biex knisja tista' titgħolla għal dinjità bħal din. Jeħtieġ li jkollha ċerti kwalitajiet distintivi u, fuq kollox, il-kunsens espliċitu tal-Papa mwettaq b'digriet, b'Bolla. Dwar il-kwalitajiet meħtieġa jirriżulta minn digriet tal-Papa Benedittu XV, li l-Papiet jużaw jagħtu titli ta' onorifiċenza (bħal dak ta' Bażilika), lil xi knejjes li jispikkaw fihom aktar minn oħrajn għallinqas tliet ħwejjeġ: devozzjoni minn żmien twil tal-fidili, tifkiriet storiċi, u opri meraviljużi tal-arti.[4] Għal dak imbagħad li hu kunsens, meta l-Papiet jogħġobhom jagħtuh, dan jagħmluħ b'turija speċjali tar-rieda tagħhom bħala rikompens lil dawn il-knejjes tal-fidili li jiffrekkwentawhom.[5]

**Is-Santwarju tal-Karmnu jista' jsir Bażilika**

Kulħadd jaf li d-devozzjoni lejn il-Madonna għandha sehem kbir fl-ispiritwalità Karmelitana. Ulied il-Karmelu jqisu lil Marija bħala l-Patruna tagħhom, Ommhom u Oħthom. Għalhekk huma jagħmlu mill-aħjar biex jagħtuha l-ogħla ġieħ b'kull mod possibli, saħansitra billi jibnu knejjes iddedikati lilha.[6] Mela m'għandniex biex nistgħaġbu, jekk il-Karmelitani tal-Belt Valletta, li kellhom Santwarju ta' daqs mhux ħażin u l-ġmiel tiegħu, daħħluha f'rashom li jridu jagħmluh Bażilika Minuri. Il-kwalitajiet meħtieġa kienu hemm, u kellhom tama kbira li jġibuha żewġ mal-Papa billi Ljun XIII kien devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu. Fil-fatt isejjaħ din id-devozzjoni Marjana *"del tutto singolare, universal e constant devozionde di tutto l'orbe cattolico"*.[7] Mhux biss, imma biex ixxeridha dejjem iżjed, b'digriet tas-27 t'April 1887, qatagħha li l-labtu tal-Karmnu għandu jitlibbes b'rit speċjali, u mhux b'dak komuni tal-labtijiet l-oħra. Lanqas m'għandu jiġi mifxul mal-labtijiet l-oħra bħallikieku wieħed kwalunkwe, għax hu waħda jista' jissejjaħ, kważi b'awtonomija, Skapular, Labtu.[8]

Għalhekk il-Karmelitani tal-Belt, billi dehrilhom li r-riħ kien favur tagħhom, għamlu l-qalb u



Il-Papa Leone XIII



P. Luigi Malfatti, Provinċjal

qatgħuha li jibgħatu supplika lill-Papa biex jogħġbu jgħolli s-Santwarju għad-dinjità ta' Bażilika minuri. P. Lawrenz Sammut, O. Carm., jgħid li kien il-"W.R.P. Majjistru Luigi Malfatti, Provinċjal tal-Karmelitani ta' Malta u l-Pirjol tal-Kunvent tal-Belt, P. Albertu Grech, flimkien mal-Komunità tal-Belt, li l-ewwel ħaġa li għamlu kitbu lir-Revmu. P. General tal-Ordni biex jippreżenta s-supplika tagħhom lill-Papa".[9] Dan it-tagħrif mhux eżatt għalkollox, għax meta saret is-supplika, Malfatti kien għadu Vigarju Provinċjal u l-Pirjol tal-Belt kien P. Filippu Mifsud.[10]



P. Bert Grech, Pirjol

Mingħajr qaddisin ma titlax is-sema. Għalhekk il-patrijiet tal-Belt, biex aktar jirnexxilhom il-ħsieb ta' moħħhom, talbu l-għajnuna ta' tnejn minnies, li fil-fehma tagħhom kellhom vuċi quddiem il-Papa. Huma l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, l-Eċċ. tiegħu Mons. Pietru Pace u s-Sur Mikiel Anġ Mizzi. Dan, skont Sammut kien "mir-Rabat t'Għawdex u ħabib tal-Komunità Karmelitana u devot tal-Madonna tal-Karmnu, li dak iż-żmien kien Ruma bħala Kavallier tal-Papa.[11]

**Il-Kontenut tas-Supplika**

Fl-arkivju tal-Kunvent tal-Karmnu tal-Belt tinsab kopja manuskritta tas-supplika li



L-ewwel reffiegħ tal-Umbrellun Bażilikali

l-Patrijiet bagħtu lill-Papa. Il-kontenut tagħha fil-qosor huwa dan:

Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, Malta, hija waħda mill-iktar knejjes li jolqtuk minħabba d-daqs u l-bini tagħha. Ukoll għax mgħammra b'għadd ta' rqim u opri tal-arti.[12] Ilha ħafna li nbniet.[13] L-aqwa preġju tagħha huwa s-Santwarju, jiġifieri dik il-parti madwar l-artal maġġur, għaliex hemm ix-xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Karmnu.[14] In-nies tal-Belt u ta' kull rokna ta' Malta għandhom devozzjoni kbira lejn din ix-Xbieha, għax ilha minn żmien twil tagħmel magħhom mirakli u taqlagħlhom grazzji kbar.[15] Xhieda ta' dan huma l-ex voti li hemm imdendlin mal-ħitan tas-Santwarju, l-iffullar bla heda tan-nies quddiem

din ix-Xbieha u fuq kollox, l-inkurunazzjoni solenni tagħha, b'digriet tal-Kapitlu Vatikan.[16]

Taqsima oħra tas-Supplika titkellem mid-dekor u l-ġmiel ta' kult imwettaq f'din il-knisja, mill-għadd kbir ta' nsara li jmorru fiha kuljum, u min-numru sabiħ ta' saċerdoti Karmelitani li amministrawha. Dawn joqogħdu l-ħin kollu għall-qrar, iwettqu l-ministeru tal-kelma t'Alla bil-priedki tagħhom, u jiċċelebraw il-funzjonijiet sagri bl-akbar dekor u b'imġieba edifikanto, ħwejjeġ ta' fejda spiritwali għall-poplu twajjeb ta' Malta.[17]

Fl-aħħar nett, is-Supplika tgħid għaliex il-Patrijiet qegħdin jitolbu lill-Qdusija Tiegħu l-Papa jagħti lill-knisja tagħhom it-titli u l-unuri ta' Bażilika minuri. Hija x-xewqa tagħhom li jaraw tikber dejjem iżjed il-glorja t'Alla, il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu, u l-ġid spiritwali ta' dawk li jemmnu.[18]

**Id-data tas-Supplika**

B'xorti ħażina l-kopja tas-Supplika li hemm fl-arkivju tal-Kunvent tal-Belt ma fihiex data. Imma jidhrilna li nistgħu ngħidu fiż-żgur li hi għallinqas tal-1889. Fil-fatt tinsab, f'dan l-istess arkivju, kopja tal-ittra li l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Pietru Pace, ta lill-Papa. Fiha huwa jikkonferma li huwa kollu minnu dak li niżżlu l-Patrijiet fis-Supplika u jżid, li min-naħa tiegħu, huwa jirrikmanda b'qalbu kollha l-għotja tal-privileġġ.[19] Fi tmiem l-ittra hemm id-data tal-kitba: 17 ta' Diċembru 1889.[20]


P. Luigi Galli, Ġeneral tal-Ordni

Madanakollu ma nafux meta ntbagħtet din l-ittra, u wisq iżjed, meta ġiet f'idejn il-Papa. Il-Proċedura li mxew biha l-Maltin hija korretta u normali. Bagħtu s-Supplika lill-Ġeneral tal-Ordni tagħhom biex jippreżentaha hu lill-Papa. Hu mhux biss qdihom mill-koxxa, imma saħansitra għamel rakkomandazzjoni favur tagħhom.[21] Fuq kollox sostna li dak li hemm imniżżel f'kull vers tas-Supplika huwa minnu, għaliex hu stess ra b'għajnejh l-affarijiet li hemm miktuba dwar is-Santwarju tagħhom.[22] Meta rahom? Mhux qabel Mejju 1892, għax dik kienet l-ewwel darba li ġie Malta u ġab miegħu, bħala Soċju, lill-Vigarju Provinċjal ta' Napli, P. Gioacchino Porcelli.[23] Ta' min ikun jaf ukoll li, flimkien mal-ittra ta' rakkomandazzjoni, huwa ppreżenta lill-Papa l-istess Supplika tal-Patrijiet tal-Belt, li diġà rajna l-kontenut tagħha.[24] Mela, jekk il-Ġeneral ippreżenta s-Supplika u r-rakkomandazzjoni fl-1892, nistgħu ngħidu li dawn baqgħu għal xi żmien fuq l-ixkaffa. Jekk nagħrblu d-digriet tal-Papa tat-13 ta' Mejju 1895, wisq nibża' li iva.

Ljun XIII, f'dak id-digriet, jgħid ċar u tond li t-talba ta' wlied il-Karmelu Malti, għall-privileġġ li qegħdin nitkellmu fuqu, intweriet lili "nuper" jiġifieri riċentament.[25] Ma jidhirlix li l-kelma "nuper" tista' tintuża għall-ġrajja li seħħet tliet snin qabel (1982). Fuq kollox, liema Supplika jew rakkomandazzjoni għall-Bażilika ġiet f'idejn il-Papa? Fid-digriet uffiċjali ta' Ljun XIII tniżżlu ċerti dettalji u affarijiet li ma jinstabux la fis-Supplika tal-Karmelitani tal-Belt u lanqas fl-ittra ta' rakkomandazzjoni tal-Isqof (1889) jew f'din tal-Ġeneral. Bħala eżempju insemmu d-data tal-bini tal-knisja,[26] il-presbiterju,[27] u s-sagristija bl-għadd ta' tagħmir prezzjuż u sagru li hemm fiha.[28]

Minn ittra tal-Ġeneral tal-Ordni Karmelitan, bid-data tal-10 ta' Lulju 1895, jirriżulta li ċertu Lorenzo Calamatta kien għamel talba lill-Papa għall-għotja ta' Bażilika. Ma nafux għal-liema knisja saret, imma nafu li t-talba tiegħu ma

ġietx milqugħa minħabba "sua insipienza".[29] Malli mbagħad sar jaf bil-privileġġ mogħti lill-Karmelitani, billi ħass ruħu umiljat, fil-fixla beda jgħid kulma jiġih f'ilsienu saħansitra li mhux veru li l-Isqof għamel xi rakkomandazzjoni, anzi bil-maqlub lanqas biss kien jaf b'xi ħaġa.[30] Din tar-rakkomandazzjoni veskovili ma setax inniżżilha, hekk li wasal biex mar jara jekk hux vera fil-Kanċellerija tal-Vatikan.[31] Sab li d-dokument tal-Isqof kien ġie ppreżentat f'dik il-kanċellerija s-sena ta' qabel (1894), fejn ukoll kien mar, fl-aħħar żjara tiegħu f'Ruma, biex jirrakomanda l-għotja tal-privileġġ u juri kemm kien kuntent li jingħata.[32] Tgħid il-Papa, b'dik il-kelma "nuper", kien qiegħed jirreferixxi għal dan id-dokument tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Pietru Pace. F'dan il-każ, l-Isqof gedded l-ittra tar-rakkomandazzjoni tiegħu tal-1889 b'aktar tagħrif u dettalji.

Il-Kavallier Mikiel Anġ. Mizzi ma naqasx li jagħti d-daqqa tal-imgħallem. Fil-fatt, fl-ittra li semmejna, il-Ġeneral jgħid li "*il pronte e felice esito do si importante negozio*", huwa dovut lil dan Mizzi. Ħaġa li ma titwemminx, l-enerġija u l-kapaċità li bihom għaraf iwassal fit-tmiem l-affari. Għalhekk, għandu jitqies bħala benefattur kbir u benemertu tal-Ordni, speċjalment tal-Kunvent tal-Belt Valletta.[33]

### Il-Bolla u r-Reskritt tal-Privileġġ

Dak li jkun mnalla ma jħassru ħadd. Il-Madonna kisbet lill-Karmelitani tal-Belt Valletta l-privileġġ li huma talbuha bil-ħerqa: **Carmelitis da Privilegia**. Hija nqdiet b'diversi persuni biex titwettaq xewqet uliedha Maltin, fosthom l-Isqof ta' Malta, Mons. Pietru Pace. Hu mhux biss irrakomanda l-privileġġ, imma ġab ukoll ir-raġunijiet li għalihom kellu jingħata. L-ewwel nett isemmi l-limja tal-maqdes, inklużi l-edilizja, l-ex voti u t-tagħmir sagru għall-funzjonijiet u l-kult divin.[34] Wara, jiddeskrivi bl-akbar tifħir, il-konkorrenza tal-Beltin u ta' Malta kollha f'dan is-Santwarju.[35] Iżid imbagħad it-tielet raġuni fuq id-devozzjoni kbira lejn ix-Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu li hemm f'dan is-Santwarju jekk li, fl-1881, stħaqqilha li tkun inkurunata b'digriet tal-Kapitlu Vatikan.[36] Fl-aħħar jagħti tagħrif tal-ogħla foħrija tal-Karmelu Maltin għall-appostolat tiegħu bil-kelma u bl-eżempju.[37]

Għalhekk, il-ġeneral tal-Ordni Karmelitan ħassu fid-dmir li jibgħat irodd ħajr lill-Isqof Pace tal-kooperazzjoni tiegħu. Ried ukoll li l-Provinċjal Malfatti, f'ismu u f'isem il-Karmelitani tal-Belt, jagħmlu l-istess għax aħjar iżżejjed min-nieqes "Melius est abundare".[38]

Sal-aħħar żernaq jum l-għoti tal-privileġġ. Tal-Karmnu saret Bażilika. Sewwa sew fit-13 ta' Mejju 1895, il-Qdusija tiegħu l-Papa Ljun XIII ħareġ id-digriet "*in supremo sacro Principatis culmine*", fejn huwa ddikjara li minn dakinhar 'il quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt ewlenija ta' Malta, il-Belt Valletta, ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilika minuri.[39] Din id-dinjità tiġbor fiha mhux biss it-titlu ta' Bażilika "*Basilica nuncupari*", imma wkoll l-istatus tagħha: "*atque uti talis haberi*". Għalhekk fil-funzjonijiet solenni li jsiru fil-pubbliku u fil-purċissjonijiet jista' jintuża l-Umbrellum Bażilikali l-istess bħal Bażiliki minuri ta' Ruma.[40] Flimkien mal-privileġġ tal-umbrellum, ingħataw lill-istess maqdes: *eiden Ecclesiae*, il-privileġġi l-oħra kollha, favuri, indulti u unuri li tgawdi kull waħda minn dawk il-Bażiliki mingħajr ebda differenza.[41]



Il-Bolla tal-Bażilika

Id-digriet imbagħad jagħmilha ċara li l-privileġġi mogħtija lill-Bażilika tal-Karmnu, ma jistgħu qatt, għall-ebda raġuni u minn l-ebda awtorità jiġu rrevokati, limitati jew idderogati.[42] Kull attentat kontrihom minn xi awtorità jew dinjità, anke jekk stess tal-Ordinarju, Kardinal jew Nunzju, huwa invalidu.[43] Għalhekk, kull min jazzarda jeħodha kontra d-digriet tat-twaqqif, tad-dinjità u tal-konċessjoni tal-indult, jiġbed fuqu l-korla ta' Alla u tal-Qaddisin tiegħu, l-Appostli San Pietru u San Pawl.[44]

Għalhekk id-digriet tal-Bażilika ħareġ fit-13 ta' Mejju, imma l-Bolla Appostolika ntbagħtet fil-Kanċellerija tal-Vatikan kważi xahrejn wara, fid-9 ta' Lulju.[45] Biex l-ispejjeż ma jkunux kbar ħafna, tħallew barra fil-Bolla xi dettalji dwar l-Umbrellun Bażilikali, l-ilbies tar-reffiegħa tiegħu, u l-artal Papali. Għalhekk, f'dak l-istess jum tad-9 ta' Lulju, inħareġ Reskritt mill-Vatikan bħala parti integrali tal-Bolla fuq imsemmija: "da formare parte integrale della mentovata Bolla".[46] L-għan ta' dan ir-Reskritt kien li jneħħu kull dubju li jista' jinqala' dwar l-interpretazzjoni tal-privileġġi mogħtija mill-Papa lill-Bażilika tal-Karmnu ta' Malta.[47] Id-dokument Pontifiċju, iffirmat mill-Prefett il-Kardinal A. Bianchi u mibgħut lill-Provinċjal tal-Patrijiet KArmelitani ta' Malta[48], fih dan it-tagħrif:

1. L-Umbrellun Bażilikali jrid ikun mirqum b'sitt armi (stemmi, *coat of arms*): tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljun XIII, tal-Ordni Karmelitan. Tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Protettur tal-Ordni (Kard. Vincenzo Vannutelli), tal-Pirjol Ġenerali tal-Ordni (Reverendissimu Luigi M. Galli), tal-Isqof ta' Malta (Arċisqof Pietro Pace), u tal-Belt ta' Malta.[49]
2. Ir-reffiegħ tal-Umbrellun Bażilikali jrid ikun liebes suttana sewda tal-ħarir damaskat, bit-tixmiriet ta' lewn il-kannella, bħall-Mazzier tan-Nadur.[50]
3. Minflok l-artal maġġur jista' jitqiegħed ieħor ta' għamla orjentali, jiġifieri jħares lejn in-nies. Jorqmuh erba' kolonni li fuqhom jitwaqqaf il-baldakkin jew ċelu, jiġifieri t-Tribuna, l-istess bħall-erba' (sic!) Bażiliki minuri ta' Ruma, għaliex bħalhom il-magħruq Santwarju tal-Karmnu ġie ddikjarat Bażilika.[51]

### Id-Dokumenti, l-Umbrellun u t-Tintinnablu jaslu Malta

Minn ittra tal-Ġeneral tal-Ordni Karmelitan, li ġġib id-data tal-10 ta' Lulju 1895, jirriżulta li l-Bolla u r-Reskritt tal-Bażilika, kif ukoll l-Umbrellun u t-Tintinabblu, ġabhom miegħu l-Kav. Mikiel Anġ Mizzi. Mizzi stess jikkonferma dan it-tagħrif, f'ittra tiegħu tat-12 ta' Lulju ta' dik is-sena mibgħut lid-Direttur tal-gazzetta "Il Portafoglio Maltese".[52] L-ittra ngħad inġiebet tlett ijiem wara, fil-ħarġa tal-15 ta' Lulju tal-istess gazzetta.



Is-Simboli Bażilikali: It-Tintinnablu, l-Umbrellun u l-Artal Papali

Mizzi kellu jġib miegħu wkoll il-kont. Kif wieħed seta' jobsor, l-ispejjeż ma kinux ma kinux żgħar, imma fil-fehma tal-Ġeneral, kienu xierqa għall-privileġġ li nkiseb.[53] B'kollox kienu jlaħħqu s-somma ta' erbat elef u tlieta u għoxrin lira (£4,023) li għal dak iż-żmien kienu ammont konsiderevoli.[54] Irridu naħsbu li dawk il-flus kienu liri Taljani u mhux sterlini. Fil-fatt, fir-reġistru tal-Eżitu tal-kunvent għas-sena 1895, insibu imniżżel li ngħataw lill-Pronvinċjal 39 Lira Sterlina biex tħallas il-kont sħiħ ta' £50 tal-ispejjeż tal-Bażilika.[55] Il-£11-il lira l-oħra nħarġu mill-flus tat-Terzjarji Karmelitani.[56]

Fil-gazzetta "The Malta Standard", tad-19 ta' Lulju 1895, insibu miktub li Mizzi "arrived here on Saturday with the original Bull & Rescripts, the Great Umbrella, Bull etc". Kif ta' spiss jiġri fil-ġurnali dan it-tagħrif huwa żbaljat. Mizzi nnifsu, fl-ittra li diġà semmejna, jgħid li wasal l-Ġimgħa filgħodu, 12 ta' Lulju: "Sono arrivato qui questa mattina". Fil-fatt, il-Bolla tal-Bażilika tinstab irreġistrata fl-Atti ċivili tal-Kurja ta'

Malta f'dik id-data.[57] Għal din ir-reġistrazzjoni l-Patrijiet ħallsu 11s(ħdax-il xelin).[58]

Mizzi wasal Malta fuq il-vapur "Carola". B'għelm ta' radd il-ħajr għall-kontribut kbir li ta dan il-Kavallier għall-ksib tal-Bażilika, bosta nies marru jilqugħ. Malli l-vapur deher fil-Port il-Kbir, telqet lanċa ppakkjata bin-nies biex tagħtih merħba. Kif imbagħad rbat mal-moll, għadd sewwa ta' nies telgħet abbord iċċapċap u tgħajjat bil-ferħ. Kien hemm magħhom il-Pirjol, P. Bert Grech. Mizzi kkunsinnalu l-Bolla oriġinali, ir-Reskritt u kopja legali tal-Bolla. L-affarijiet l-oħra: Umbrellun u tintinnablu, ġew fdati f'idejn uħud mill-ġemgħa li wassluhom b'mod trijonfali sas-Santwarju.

Malli l-Kavallier niżel minn fuq il-vapur, sab kotra tistennieh, lesta biex tagħmillu dimostrazzjoni u twasslu sal-Karmnu. Hekk kif wasal, il-Patrijiet għamlulu laqgħa kif kienet tixraqlu u, wara li dam għal xi ħin jitkellem mal-Provinċja, telaq dritt għall-palazz tal-Arċisqof. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Pietru Pace wera bid-dieher lill-Kavallier Mizzi kemm kien kuntent li l-Papa ta' lill-Karmelitani l-privileġġ tal-Bażilika. Żied jgħidulu: "Mhux biss nhar it-Tlieta nassistu mit-tron għal quddiesa solenni tal-Festa tal-Karmnu, imma ukoll nhar il-Ħadd għall-qari tal-Bolla Appostolika.[59]

### It-Tribuna u l-Artal Papali

Diġà f'ittra tiegħu lill-Patrijiet, Mizzi kien qalilhom: "nittamaw ukoll li nġibu l-artal Papali".[60] F'ittra oħra, il-ġeneral tal-Ordni kkonfermalhom li l-Papa għoġbu jagħtihom dan il-privileġġ.[61] Għalhekk il-Patrijiet bdew jaħsbu biex jibdlu l-artal maġġur. Tellgħu tribuna provviżorja, imma ma damux wisq ma ordnaw waħda ta' rħam fin biċ-ċelu tagħha tal-bronz indurat bid-deheb zekkin.[62] Fuq il-parir ta' persuni kompetenti, huma għażlu l-abbozz ippreżentat mid-Ditta Lo Turcotà Messina u, fis-7 ta' Marzu 1898, għamlu magħha l-kuntratt quddiem in-Nutar Carlo Micallef de Caro.[63] Il-missier Francesco u ż-żewġ uliedu, Isidoro u Mario Antonio, intrabtu li jwettqu huma x-xogħol tat-tribuna u tal-artal papali: "l'obbligo di erigate...una tribuna col rispettivo Altare Papale" u, jekk ix-xogħol ma jkunx lest fiż-żmien miftiehem, jibdew iħallsu xelin ieħor kuljum bħala piena.[64]

Għal tmiem Settembru tas-sena ta' wara (1899), ix-xogħol kien lest hekk, li fis-6 t'Ottubru ta' dik is-sena, l-artal papali kien ikkonsagrat minn Mons. Salvatore Gaffiero, Delegat tal-Isqof Mons. Antonio Buhagiar, Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta u Isqof ta' Ruspa.[65]

Mid-dehra d-Ditta Lo Turco naqset f'xi ħaġa li biha ntrabtet fil-kuntratt, għaliex, fl-14 ta' Novembru 1899, il-Patrijiet iddeċidew li jirrexindu l-kuntratt.[66] Tliet ġimgħat wara, fl-4 ta' Diċembru, huma ddelegaw lill-Pirjol, P. Bert Grech, biex jagħmel kuntratt ieħor mas-Sur Federico Bonetti, ħalli jieħu hu x-xogħol tal-irħam tal-erba' kolonni tat-Tribuna u tal-kaptelli tagħhom, bil-prezz ta' £100 (mitt lira sterlina).[67] Iċ-ċelu mbagħad tat-Tribuna u l-ornamenti tal-bronz ta' mal-kolonni ġew fdati f'idejn ċertu Piju Ċellini.[68]

### Inawgurazzjoni solenni tal-Bażilika tal-Karmnu

Jekk il-15 ta' Lulju 1881 hija data storika għall-Karmelitani u għal Malta, għax dakinhar saret għall-ewwl darba fi gżiritna l-Inkunurazzjoni Solenni ta' Xbieha Mqaddsa, b'digriet tal-Kapitlu tal-Vatikan, mhux inqas storiku huwa l-14 ta' Lulju ta' erbatax-il sena wara. Dakinhar kien jum l-inawgurazzjoni solenni tal-Ewwel Bażilika Minuri ta' Malta u Għawdex. Hija l-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, Il-Belt Valletta fejn hemm dik ix-Xbieha Inkurunata.

Il-Ħadd 14 ta' Lulju, għal xi l-4.00p.m., il-Patrijiet Karmelitani, libsin il-kappa l-bajda, marru għall-Eċċ. Tiegħu Mons. Pietru Pace u wassluh bil-mixi mill-Palazz tiegħu sas-Santwarju. Hu kellu fuqu l-ilbies Pontifikali u kien assistit mill-Mons. Vigarju Ġenerali u minn Kanonku Kapitulari. Kif ħa postu fuq it-tron, imħejji għall-okkażjoni, il-Provinċjal, il-W.R.P. Maj. Luigi Malfatti, qara l-Bolla Appostolika tat-twaqqif tal-Bażilika u r-Reskritt. Wara ġie intonat it-*Te Deum* b'radd il-ħajr 'il Alla li, permezz tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ljun XIII, għoġbu jgħolli s-Santwarju tal-Imqaddsa Verġni tal-Karmnu għad-dinjità ta' Bażilika minuri. Wara l-isqof

ta lin-nies il-Barka Sagramentali. Matul it-*Te Deum*, il-knejjes kollha tal-Belt daqqew bil-kbir. Kif spiċċa, in-nies infexxet f'ċapċipa li ttarrax, filwaqt li serbut twil ta' musketterija beda jfaqqa' waħda f'waħda. Il-briju u l-entużjażmu tal-poplu kompla żdied x'ħin l-Isqof deher ħiereġ mill-Bażilika. Saħansitra xi wħud ried jneħħu ż-żwiemel u jiġbduha huma l-karrozzella, bl-Isqof fiha sal-Palazz. Imma hu ma ħallihomx, billi beża' li setgħet tiġri xi diżgrazzja. Għażel li jmur bil-mixi sal-Palazz fost dimostrazzjoni ta' applawsi u għajjat ta' ferħ ta' eluf ta' ilħna.[69]

B'tifkira tal-Inawgurazzjoni tal-Bażilika, twaħħlet skrizzjoni bil-Latin fuq iż-żewġ bibien tal-knisja, l-ewlieni u tal-ġenb. Kienet tiġbor fiha talba ħerqana tal-Ordni Karmelitan lis-Sultana tal-Karmelu biex tagħti d-dawl lil Ljun XIII, li jwaqqaf il-Bażilika, ħalli jagħraf imexxi l-Vatikan (=il-Knisja) għall-glorja tat-Tabor (= tas-sema). [70]

**Stedina lill-Ġeneral u lill-Kardinal għall-Inawgurazzjoni**

Il-Patrijiet, b'sens ta' gratitudni għas-sehem tiegħu fil-ksib tal-Bażilika, stiednu lill-Ġeneral tal-Ordni tagħhom, il-W.R.P. Maj. Luigi Galli, għall-inawgurazzjoni solenni tal-Bażilika. Xtaqu wkoll li jġibu Kardinal għall-okkażjoni. Fil-fatt fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju, il-Kav. Mikiel Anġ Mizzi ħalla Malta b'supplika lill-Papa, iffirmata minn mijiet ta' devoti u ħbieb tal-Karmnu, biex jogħġbu jibgħat Kardinal għall-Festi solenni tal-Inawgurazzjoni tal-Bażilika.

Mizzi stess jgħid, li wasal Ruma l-Ġimgħa 28 ta' Ġunju. It-Tnejn l-1 ta' Lulju, mar jillega l-karti tas-Supplika u tal-ismijiet li għamlu l-petizzjoni fl-istamperija tal-Propaganda Fide. L-għada, 2 ta' Lulju, huwa ppreżenta l-ktejjeb, illegat bil-ġild abjad u indurat bid-deheb, lill-Emminenza Tiegħu l-Kardinal M. Rampolla, Segretarju tal-istat tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, f'udjenza li kellu miegħu. Il-ġurnata ta' wara, l-Erbgħa 3 tax-xahar, il-ktejjeb kien diġà f'idejn il-Papa.

Għall-ewwel, it-tweġiba għas-Supplika xejn ma kienet tajba. Mizzi jgħid li ngħatawlu diversi raġunijiet għaliex ma kinitx ħaġa ħafifa li s-Supplika tiġi milqugħa. Isemmi tlieta, il-firda li kien hawn Malta bejn il-Partiti dak iż-żmien, is-sħana ta' nofs Lulju li minħabba fiha kulħadd ifittex il-baħar jew il-muntanji u r-raġuni ewlenija, li mhix drawwa tas-Santa Sede li tħalli l-kardinali jsiefru għal xejn b'xejn. Imma tal-aħħar ibaħħar; l-aħħar tweġiba kienet tajba: il-Papa ried jaqta' xewqet l-Maltin u l-ġimgħa ta' wara kellu jasal Kardinal f'Malta.[71]

Inħallikom taħsbu kemm ferħu l-Patrijiet malli saru jafu. Bla telf ta' żmien iffurmaw Kumitat minn nies distinti biex jilqa' bil-kbir, kif kien xieraq, lill-Kardinal. Imma, b'xorti ħażina kulma għażlu sarilhom suf, għax la l-Kardinal u lanqas il-Ġeneral ma ġew. Sewwa jgħidu, li l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.

Ittra tal-Ġeneral tal-Ordni tagħtik x'tifhem li l-Papa mexa bl-akbar diplomazija, billi offra lill-Kardinal[72] Protettur tal-Ordni Karmelitan, l-Emminenza Tiegħu Vincenzo Vannutelli, biex jiġi hu għall-festi tal-inawgurazzjoni tal-Bażilika. Jidher li dan aċċetta, imma kif ġieli jiġri, wara nqalgħulu ċerti ċirkustanzi li minħabba fihom ma setax jiċċaqlaq minn Ruma. L-ittra tiddeskrivi dawn iċ-ċirkustanzi bħala "speċjalissimi".[73] U s-sabiħa hi li, minħabba fih, lanqas ġie l-Ġeneral. Kien lest li jagħmel kull sagrifiċċju biex jiġi, kieku seta' jiġi l-Kardinal, imma ladarba dan ma setax, allura hu deherlu li kien dmiru li jibqa' Ruma, għaliex nhar il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu kellu jsir il-ftuħ solenni tal-Knisja tal-Karmnu tat-Traspontina (Ruma).[74]

**Il-Festi tal-Madonna tal-Karmnu**

Żgur li ma nkunx naqla' minn żniedi, jekk ngħid li tal-Karmnu hija waħda mill-iktar festi popolari ta' Malta. Iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'din il-festa dejjem kisbu l-ogħla tifħir. Imma tifkira, f'okkażjoni hekk speċjali tat-twaqqif tal-ewwel Bażilika minuri ta' Malta u Għawdex, il-festa tal-1895 kellhom ikunu xi ħaġa iżjed u aqwa minn tas-soltu.[75] Mhux bi ħsiebna noqgħodu nsemmu ħaġa b'ħaġa kulma sar. Min jinteressah, jista' jara l-programm sħiħ ta' dawk il-festi fil-gazzetta "*Public Opinion*" jew f'"*The Malta Times and United Service Gazette*", fil-ħarġa tat-12 ta' Lulju ta' dik is-sena. Hawnhekk se nillimitaw ruħna għal dak li hu l-aktar sensittiv.

**a) Festi ta' ġewwa**
Biex ikabbru dawn il-festi, il-patrijiet dehrilhom li kien jixraq li jistiednu l-Eċċ. Tiegħu Mons. Pietru Pace u 'l xi wħud mill-Kleru ta' Malta li kellhom isem mal-poplu, biex jieħdu fihom sehem attiv. Diġà għedna, li l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof ta' Malta kien preżenti għall-qari tal-Bolla u r-Reskritt tal-Bażilika u għall-kant tat-Te Deum. Ukoll, li kien hu li wara ta l-Barka Sagramentali.[76] Mill-ġdid insibuh fis-Santwarju jumejn wara, nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu bħala *Presbyter Assistens*, jiġifieri jassisti mit-tron, imħejji apposta, għall-Quddies Solenni.[77] Filgħaxija mbagħad, meta daħlet il-purċissjoni, kien hu li ta l-Barka Sagramentali.[78]

Dinjitarju ieħor, li fuq stedina tal-Karmelitani, fil-funzjoni fil-festi li semmejna, li kien il-Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, Il-W.R.P. Ġwann Evanġelista Spiteri. Mexxa hu l-Għasar Solenni kemm ta' lejlet u kemm ta' nhar il-Festa, u jiċċelebra l-Quddiesa Solenni hu u tas-16 ta' Lulju megħjun mir-Reliġjużi tal-Komunità tiegħu tal-Belt. F'din il-quddiesa l-isqof kien *Presbyter Assistens* mit-tron.[79]

Tnejn mill-paneġeristi maħruġa ta' dak iż-żmien kienu d-Dumnikan, il-W.R. Lettur P. Vincenzo Giovanni Cremona, u r-Rev. Dun Carmelo Schembri tal-Kolleġġjata ta' S. Pawl, Valletta.[80] Għalhekk il-Patrijiet għażlu lilhom għall-paniġerki ta' nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Id-Dumnikan għamel dak ta' filgħodu, bit-Taljan u l-ieħor niseġ it-tifħir ta' Omm il-Karmelu wara nofsinhar, bil-Malti.[81]

Fil-Funzjonijiet ta' lejlet u nhar il-Festa, l-orkestra tmexxiet bis-sengħa mill-bakketta mħarrġa tas-Surmastrijiet Dr. Paolo u Antonio Nani. Il-Mużika u l-kant kien hekk sabiħ u melodjuż, li kont tħossu jerfgħek sas-seba' sema.[82]

**b) Festi ta' barra**
L-aħħar ħarsa tagħna f'dan l-istudju hija dwar xi festi esterni li saru fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Bażilika u fil-jumejn ta' wara, li nzertaw lejlet u nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Insemmu l-ewwel nett it-tiġrija taż-żwiemel li ġibdet eluf ta' nies warajha. Din saret f'lejlet l-Inawgurazzjoni, is-Sibt 13 ta' Lulju, mix-xatt ta' tas-Sliema għal Ta' Xbiex.[83] Il-mixgħela mbagħad u t-tiżjin li kien hemm fit-toroq tal-Belt, l-aktar f'Misraħ San Ġorġ, kienu xi ħaġa tal-għaġeb. Min qal, li l-Belt kollha "chienet donna ħuġġieġa uaħda bil-luminazzjoni"[84], u min kiteb, li "Spendida oltre ogni dire riusci la generale illumiazione"[85]. Ta' min isemmi b'mod speċjali dak li tniżżel fil-gazzetta "The Daily Chronicle": "On all hands the opinion was expressed that the street and other decorations this year were more elaborate than ever. Palace Square was brilliantly illuminated, the many coloured glasses and transparencies being most effective".[86]

